MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 33/2002

**Carmel Camilleri .**

**vs.**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gja l-Awtorita' tal-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Carmel Camilleri datat 4 ta' Ottubru 2002 a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi, b'appellipprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-5 ta' Dicembru 2001, l-appellant talab ir-revoka ossija t-thassir ta' l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-11 ta' Awwissu 2001, li fih gie allegat illi l-appellant ghandu *penthouse* fir-raba' sular (cjoe' *third floor*) minghajr permess fi sit 20, Old Anchor Court, Triq il-Battar, Marsascala;

Illi b'decizjoni moghtija fl-20 ta' Settembru 2002, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad dan l-appell u kkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u ordna li l-avviz ta' twettiq jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mid-data tal-istess decizjoni;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

L-appellant kien, permezz ta' l-applikazzjoni bin-numru tar-referenza PA104/94, talab il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghall-izvilupp ta' *basement, restaurant, 3 flats and 1 penthouse* fuq porzjoni ta' arja sovrastanti ghall-plot bin-numru 203, fi Triq tal-Buttar, Marsascala. Din l-applikazzjoni giet approvata fit-3 ta' Ottubru 1994, illi b'rizultat taghha inhareg il-permess bin-numru PA00104/94 u gew approvati l-pjanti annessi bin-numri 1E, 1F, 1G, 11A u 18A. Bis-sahha ta' dan il-permess, l-istess appellant zviluppa l-blokk illum ezistenti. Zmien wara l-appellant hass il-htiega urgenti li jinstalla lift fil-blokk, li jibqa' tiela sar-residenza tal-appellant fil-*penthouse,* fejn l-appellant jghix bhala d-dar ta' residenza ordinarja tieghu mal-familja tieghu. Effettivament il-htiega ta' dan il-lift qam minhabba l-kundizzjoni medika ta' zewgt itfal subien tieghu illi jbatu minn kundizzjoni ta' *very severe haemophila with recurrent joint bleeds.* Dan il-lift gie installat fil-blokk mill-appellant wara l-permess mehtieg mill-Awtorita' tal-Ippjanar, mahrug fil-21 ta' Gunju 2001 bir-referenza GD 1916/01, u wara illi l-appellant kien ircieva ghotjiet mill-Awtorita' tad-Djar u l-*Community Chest Fund* bhala kontribuzzjonijiet ghall-installazzjoni ta' dan il-lift tant indispensabbli ghall-appellant, l-aktar ghal uliedu. Fis-27 ta' Novembru 2001, izda, l-appellant sab avviz (datat 11 ta' Awwissu 2001) imwahhal mal-bieb ta' barra tal-blokk, fejn l-Awtorita' ta' l-Ippjanar allegat illi l-appellant ghandu *penthouse* fir-raba' sular (cjoe' *third floor*) minghajr permess. Dan l-avvizz gie b'sorpriza kbira ghall-appellant illi, skond hu, dejjem kien hemm permess ghal dan is-sular, u ghalhekk intavola l-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. *Oltre* dan, u cjoe' fid-29 ta' April 2002 – hafna zmien wara li kien gie nstallat il-lift – l-Awtorita' ta' l-Ippjanar infurmat ukoll lill-appellant illi kienet

qed tirtira l-ahhar permess bin-numru GD1916/01 ghall-installazzjoni tal-lift;

Illi r-rikorrent hass ruhhu aggravat minn din id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u ghalhekk qieghed jinterponi l-appell odjern mill-istess decizjoni;

Illi l-aggravji tar-rikorrent huma cari u manifesti u jikkonsistu f’dan li gej:-

1. Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ittiehdet bi ksur tal-principju fundamentali illi min jallega ghandu l-oneru li jipprova. L-allegazzjoni principali tal-Awtorita’ appellata, illi ghab-bazi taghha nhareg l-avviz in ezami, kien illi l-appellant ghamel zvilupp ta’ *“penthouse fir-raba’ sular (cjoe third floor) minghajr permess”.* Meta gie biex jezamina din l-allegazzjoni, il-Bord logikament beda biex fl-ewwel lok ezamina l-*file* tal-Awtorita’ appellata bin-numru 104/94, tal-permess li jinsab fih u tal-pjanti approvati. Minn ezami ta’ dan il-file, izda, instab illi, kienet nieqsa l-pjanta bin-numru 18A, *oltre* il-pjanta bin-numru 11A u li kienet tirreferi ghall-*penthouse* in kwistjoni, kien fiha l-kliem *“superseded”* fuqha. Mill-banda l-ohra, l-appellant ipproduca pjanta identika, ukoll ittimbrata bhala dokument bin-numru 11A anness mal-permess 104/94, li kien juri illi l-pjanta tal-*penthouse* kienet giet approvata mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar. Minkejja din id-distinzjoni evidenti bejn iz-zewg pjanti esebiti mill-partijiet rispettivi, illi mal-ewwel daqqa t’ghajn kienu jidhru t-tnejn *prima facie* validi, il-Bord tal-Appell injora totalment id-dokument esebit mill-appellant bhallikieku dan qatt ma ezista jew li qatt ma seta’ jkun awtentiku, u minflok ikkunsidra biss il-kontenut tal-*file* 104/94 li kien jinsab ghand l-Awtorita’ appellata u gjaladarba kien hemm pjanta differenti, ikkonkluda li ma jezisti ebda permess ghall-*penthouse* in kwistjoni. L-appellant b’kull rispett jistghageb kif il-Bord tal-Appell seta’ possibilment iqis illi din l-allegazzjoni giet sodisfacentement ippruvata mill-Awtorita’ appellata, konsiderando illi:-

a. il-pjanta bin-numru 11A li tinsab fil-*file* 104/94 ghand l-Awtorita’ appellata, ma fihiex il-firma necessarja tal-Perit

Falzon bhala Chairman tal-Development Control Commission fi hdan l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, liema firma biss tista' possibilment tikkonferma (in vista tal-fatt li gew esebiti zewg pjanti differenti) liema kienet il-pjanta korretta illi effettivament giet approvata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar mal-hrug tal-permess numru PA104/94. Barra minn hekk, il-kliem "superseded" fuq din il-pjanta huma ingassati, bhallikieku ma ghadhomx japplikaw. Ghal dawn ir-ragunijiet biss, il-pjanta li tinsab fil-*file* tal-Awtorita' ma tista' qatt legalment titqies bhala pjanta validament approvata mill-Awtorita'. Ghall-kuntrarju, il-pjanta esebita mill-appellant bl-istess numru, fiha l-firma tac-Chairman tad-Development Control Commission fi hdan l-Awtorita' appellata u ma fiha ebda thazziz iehor. Anzi, fiha t-timbri u l-firem kollha necessarji sabiex tikkonvinci lil kull min ihares lejn din il-pjanta, dwar l-awtenticita' taghha;

*b.* meta wiehed jezamina l-pjanta ezebita mill-appellant, isib illi l-kmamar komprizi f'din il-pjanta fihom id-deskrizzjoni ta' kull kamra miktubin bl-idejn (*handwritten)*. Dan huwa l-kaz f'kull wiehed mill-pjanti l-ohra li jinsabu fil-*file* 104/94 ezebit mill-Awtorita' appellata, hlief ghall-famuza pjanta 11A fejn id-deskrizzjoni tal-kmamar hija ttajpjata *(typed);*

c. li kieku, ghas-sahha tal-argument, il-pjanta 11A fil-*file* tal-Awtorita' kienet 'il wahda korretta, ma kien ikun ebda skop illi din tissemma' bhala wahda mill-pjanti approvati fuq il-permess innifsu bin-numru PA104/94 illi jelenka l-pjanti li ghall-bazi taghhom kellu jsir l-izvilupp. Fi kliem iehor, jekk il-pjanta relattiva ghas-sular tal-*penthouse* ma gietx approvata, allura d-decizjoni tad-Development Control Commission kienet certament issemmi dan il-fatt, *oltre* li l-pjanta innifisha ma kinitx tissemma' bhala pjanta approvata (jekk din kienet *superseded?*?). Barra minn hekk il-kelma *"superseded"* fiha nfisha taghti x'tifhem illi l-pjanta giet sostitwita bi pjanta gdida, jew tal-anqas b'emenda ghall-applikazzjoni orginali li kien jinkludi l-izvilupp tal-*penthouse;*

d. Fatt mhux kontestat li rrizulta mill-ezami tal-*file* 104/94 li kien jinsab ghand l-Awtorita' appellata kien illi l-

pjanta 18A kienet nieqsa mill-*file*. Billi din il-pjanta wkoll kienet tifforma parti mill-elenku ta' dokumenti approvati u annessi mal-permess 104/94, u l-Awtorita' ma ressqet ebda skuza sodisfacenti ghal dan in-nuqqas, l-appellant kien logikament jistenna illi l-Bord tal-Appell ma tqisx il-*file* li kien ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar bhala vangelu u minflok, tidhol iktar fil-profond sabiex tiddetermina r-raguni vera ghalfejn kienu jezistu dawn l-inkonsistenzi kollha, sew bejn il-pjanti imressqa mill-partijiet rispettivi, u sew bejn l-istess pjanti esebiti mill-Awtorita' fil-kors tal-appell u l-permess 104/94 innifsu. Dawn l-inkonsistenzi ma jistghux ma jhallux dubji serji f'mohh il-gudikant dwar l-awtenticita' tal-kontenut tal-*file* esebit mill-Awtorita' u, allura wkoll, dwar l- allegazzjoni tal-Awtorita' fil-konfront tal-proprjeta' residenzjali tal-appellant u ta' familtu, bil-problemi kollha illi sfortunatament jezistu;

e. Illi l-Bord tal-Appell naqas milli jiehu nota wkoll tal-fatt illi fil-21 ta' Gunju 2001 inhareg permess iehor mill-Awtorita' tal-Ippjanar, bir-referenza GD 1916/01, ghal "*1 (vi) Lift/Stairwells & Engine Rooms*" sabiex jigi installat lift li jwassal mill-pjan terran ghall-*penthouse* tal-esponent. Ir-ragunijiet ghal dan il-lift huma gja' spjegati fl-espozizzjoni tal-fatti li jirrigwardaw dan l-appell, u mal-applikazzjoni tieghu tas-16 ta' Mejju 2001, il-Perit inkarigat mill-esponent annetta wkoll pjanti tal-blokk, inkluz tal-*penthouse* in kwistjoni. L-esponent jifhem illi l-Awtorita' hadet 'il fuq minn xahar biex tapprova x-xogholijiet rikjesti, sabiex ikollha zmien sufficienti biex tivverifika l-veracita' tal-kontenut tal-applikazzjoni. Bis-sahha ta' dan il-permess gie nstallat il-lift, izda tliet xhur wara (f'Awwissu 2001) l-Awtorita' donnha intebhet li kien hemm xi irregolarita' fil-hrug ta' dan il-permess, u harget l-avviz in ezami li gie notifikat lill-esponent tliet xhur ohra wara (Novembru 2001). L-esponent ma jistax b'kull rispett qajmet kif l-Awtorita' setghet possibilment qajmet din il-kwistjoni, mhux fil-kors tal-applikazzjoni ghall-installazzjoni tal-lift, izda fi zmien meta kien gja inghata l-permess u prezumibbilment, il-*file* relattiv ikun rega' tqieghed f'postu. L-esponent ghandu kull ragun jifthem illi l-Awtorita' ezaminat il-*file* relattiv ghall-permess numru 104/94, ma kienet qed tikkunsidra l-hrug tal-permess numru GD

1916/01. Fid-dawl tal-kontradizzjonijiet ezistenti f'dan il-kaz, l-esponent kien jistenna illi l-Bord tal-Appell kellu jistaqsi u jindaga mal-Awtorita' ghalfejn kien inhareg dan l-ahhar permess, u mhux joqghod fuq l-iskuza fjakka illi l-Awtorita' strahet fuq *misleading information* li, *del resto* qatt ma gie identifikat mill-Awtorita' f'hiex kien jikkonsisti. L-esponent hu tal-umli fehma illi kieku ma kienx jezisti permess ghall-*penthouse* l-Awtorita' qatt ma kien johrog il-permess bin-numru GD019016/01, u dan ghaliex l-Awtorita' ma tistax taghti permess ulterjuri fuq zvilupp li jkun gja' irregolari. Dan il-fatt kellu jimmilita kontra l-Awtorita' appellata u favur il-prezunzjoni illi l-esponent effettivament ghandu permess ghall-*penthouse.* Madanakollu, anke' dan il-punt gie skartat mill-Bord tal-Appell, illi accettat l-argument mhux sostnut tal-Awtorita' illi dan l-ahhar permess kien inhareg bi zball vizzjat b'informazzjoni hazina moghtija mill-esponent;

Fic-cirkustanzi, jidher car, illi fl-ewwel lok l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma ressqet l-ebda prova sostenibbli jew legalment valida sabiex tipprova l-allegazzjoni taghha illi l-appellant kellu zvilupp minghajr permess. Fil-fatt, kull ma ghamlet l-Awtorita' kienet li pproduciet pjanta li ma kinitx iffirmata mill-awtorita' kompetenti sabiex tivvalida jew tapprova l-istess pjanta; li suppost giet *"superceded"* izda hadd ma setgha jidentifika b'hiex; li fiha differenzi notevoli mill-bqija tal-pjanti li kienu ghadhom jezistu fil-*file*; u li fuq kollox hi kontestata mill-appellant bi produzzjoni ta' dokument simili li juri precizament il-kuntrarju u li ma fihx id-difetti hawn fuq elenkati. L-Awtorita' setghet facilment ressqet lill-Perit Falzon jew lil *case officer* involut bhala xhieda tal-allegazzjonijiet taghha, izda ma ghamlet xejn minn dan. Minkejja dawn in-nuqqasijiet serji fil-provi prodotti mill-Awtorita' appellata, il-Bord kiser kull principju dwar l-oneru tal-prova tal-allegazzjoni mressqa mill-Awtorita' u wasal ghall-konkluzjoni zbaljata illi l-appellant ma kellux permess ghall-*penthouse* in kwistjoni;

2. Dan kollu jwassal ghat-tieni aggravju tal-appellant, u cjoe' illi l-Awtorita' appellata u l-Bord tal-Appell qeghdin ingustament jichdu lill-esponent mill-ezistenza ta' permess validu skond il-ligi illi, gjaladarba ma giex ippruvat il-

kuntrarju mill-Awtorita' u gjaladarba ma giex ippruvat xi dubju dwar l-awtenticita' tal-pjanta esebita mill-istess appellant, ma jista' qatt jigi revokat jekk mhux fil-kazijiet specifici li tikkontempla l-ligi. Il-pjanta esebita, anke' jekk kopja fotostatika, tikkostitwixxi prova ta' ezistenza ta' permess ghad-dar residenzjali tal-esponent. Il-fatt illi l-original ta' dan id-dokument ma kienx jinsab fil-*file* relattiv ghand l-Awtorita' appellata ma ghandux jimmilita kontra l-esponent, izda semai kontra l-istess Awtorita' li hija responsabbli li zzommu fi stat intatt. Izda, anke' jekk ghas-sahha tal-argument, wiehed kellu jargumenta illi l-*file* tal-Awtorita' in kwistjoni tikkostitwixxi l-aqwa prova fil-ligi tal-ezistenza *o meno* ta' permess ta' zvilupp, l-esponent ulterjorment jissottometti b'kull rispett, kif gja gie accennat aktar 'il fuq, illi l-hrug tal-permess aktar ricenti bin-numru GD019016/01 mill-istess Awtorita' appellata, mhux biss tikkostitwixxi prova tal-ezistenza tal-permess tal-*penthouse* izda talli anke' tissana dak l-izvilupp kollu illi ghalih iwassal il-lift illi gie nstallat bis-sahha ta' dan l-ahhar permess;

3. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq esposti, ghalhekk hija l-umli sottomissjoni tal-esponent illi sew l-agir tal-Awtorita' appellata u sew id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, illi qeghdin jichdu lill-esponent mid-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu gewwa darhom, ghandhom jigu meqjusa bhala agir illegali bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent, u serjatament bi vjolazzjoni tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** u **tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol** ta' l-istess Konvenzjoni;

Minn kull angolu li thares lejn id-decizjoni ghalhekk, l-esponent hu tal-umli fehma illi l-Bord kien b'kull rispett zbaljat meta kkonkluda illi l-*penthouse* hija illegali u nbniet minghajr permess;

Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-proceduri tal-appell numru PAB410/01E KA u ghall-atti kollha konnessi mal-avviz biex tieqaf u ta' twettiq numru ECF678/01 u filwaqt illi jirrizerva u jitlob illi taghmel osservazzjonijiet u jressaq

provi ulterjuri u jesebixxi d-dokumenti li jkun hemm bzonn, jitlob riverentement illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar id-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fl-20 ta' Settembru 2002, fil-proceduri fl-ismijiet **"Carmel Camilleri kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"**, u konsegwentement tilqa' l-appell tal-esponent billi thassar u tirrevoka l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq datat 11 ta' Awwissu 2001 bin-numru ECF 678/01 hawn fuq riferuta, ossija dina l-istess Onorabbli Qorti tordna illi l-atti tal-istess proceduri jigu rinvjati quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex jitkompla s-smiegh tal-appell numru PAB410/01E KA fl-ismijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra l-appellat.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol 8 sa fol 11 tal-process;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 13, 14, 15, 16, 17, u 18 tal-process fejn sostna li:-

1. Illi qabel xejn trid issir korrezzjoni mill-appellant fl-appell tieghu *stante* li l-Qorti kompetenti f'dawn it-tip ta' appelli hija *"Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)"* u ghalhekk gialadarba ssir talli korrezzjoni b'ordni tal-Qorti, ssir ukoll il-korrezzjoni opportuna fir-risposta tal-appellati odjerni;

2. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null stante li mhux qed isir skond l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' Izvilupp (Kap. 356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)";*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord.

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izviupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996) fejn gie spjegat li:-

*"Din il-Qorti tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi…..Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata";*

Illi, fil-kaz in ezami l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment analizza l-provi mressqa mill-paritjiet u iddecieda li galadarba ma kienx hemm pjanti fil-*file* PA 104/94 li kienu jinkludu l-*penthouse* in kwistjoni, talli *penthouse* ma kinitx koperta b'permess u ghalhekk kienet illegali, u konsegwentement l-Avviz mahrug kien validu. Huwa ben risaput li l-evalwazzjoni tal-provi u kostatazzjoni tal-fatti tinsab fid-diskrezzjoni esklussiva u finali tal-Bord ta' l-Appell, li huwa kompost, *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta' l-ippjanar, u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici;

Dan l-insenjament kien konfermat f'diversi sentenzi ohra fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Decizjonit tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe' l-**Artikolu 15 (2) (d) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp**) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellat semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew*

*semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta'";*

L-istess insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cioe' **"Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din l-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u guridizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u interpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-dikrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti";*

L-aggravji ta' l-appellant kollha jitrattaw punti ta' fatt jew l-evalwar tal-provi u sottomissjonijiet li tressqu quddiem l-istess Bord u ma jitrattaw l-ebda punt ta' ligi deciz mill-istess Bord;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad l-principju li min jallega jrid jipprova, fil-kaz odjern, japplika ghall-appellant. Fil-fatt kien hu li appella quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mill-Avviz li kien inhariglu. Galadarba l-appellant kien qed isostni li l-Izvilupp tieghu kien kopert b'permess, kien l-obbligu tieghu li jressaq prova ta' tali permess, u ma jistax jippretendi li l-Awtorita' kellha tipprova li ma kellux permess;

4. Illi dwar il-validita' tal-pjanta enumerata 11A u li kienet tinsab fil-*file* tal-aplikazzjoni PA104/94, minbarra li kif diga' ntqal izjed 'l fuq, dan jikkostitwixxi punt ta'

evalwazzjoni ta' prova u mhux punt ta' dritt u ghalhekk ma jistax isir appell simili minn tali evalwazzjoni, jirrizulta li l-pjanta 11A kontenuta fil-*file* imsemmi, giet approvata flimkien mal-permess, u ghaldaqstant hija l-pjanta li ghandha titqies bhala dik koretta;

Fil-fatt tali pjanta ma tinkludix il-*penthouse* fir-raba' sular li bena l-appellant u li dwaru nhareg l-Avviz imsemmi. Fuq din il-pjanta, kien hemm originarjament indikata *penthouse,* izda wara li l-Awtorita' kienet infurmat lill-appellant (permezz ta' ittra datata 11 ta' Lulju 1994) li *stante* li *height limitation* fiz-zona hija ta' tliet (3) sulari, ma setax jinghata permess ghal *penthouse,* l-appellant kien accetta (skond ittra tat-22 ta' Lulju 1994) li jemenda l-pjanti. Fil-fatt dik il-parti tal-pjanta 11A li kienet turi l-*penthouse* giet ittimbrata bil-kelma *"superseded"* u iffirmata (u mhux ingassata kif jallega l-appellant) minn ufficjal ta' l-Awtorita'. *Inoltre'* ta' min jghid li din il-pjanta tikkontjeni t-timbru ufficjali tal-Perit Joseph Falzon, ic-Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp. Ghaldaqstant il-Bord kien korrett illi qies il-pjanta kontenuta fil-*file* ufficjali ta' l-Awtorita' bhala dik korretta;

5. Lanqas ma jista' wiehed jaccetta l-argumenti appellant illi l-Bord messu accetta l-pjanta esibita mill-istess appellant bhala valida, abbazi tal-fatt illi din il-pjanta fiha inqas thazziz, li d-deskrizzjoni tal-kmamar hija miktuba bl-idjen u li kien hemm pjanta ohra (dik enumerata 18A) nieqsa. *Inoltre'* l-argument ta' l-appellant illi kieku l-Awtorita' ma approvatx il-penthouse, il-pjanta 11A ma kinitx tissemma fil-permess hija wahda fallaci, u dana *stante* illi din il-pjanta kienet giet emendata kif hawn fuq spjegat u ghaldaqstant kienet dik li baqghet tintuza;

Illi jekk wiehed janalizza l-permess mahrug lill-appellant, lanqas dan ma kien jinkludi l-*penthouse.* Fil-fatt, kif diga' ntqal, ghalkemm l-applikazzjoni originali kienet tinkludi tali *penthouse,* il-pjanti gew sussegwentement emendati u tnehhiet tali *penthouse* ghar-ragunijiet diga' msemmija. Il-kundizzjonijiet f'dak il-permess jghidu illi l-gholi ta' l-izvilupp m'ghandux jeccedi tliet (3) sulari flimkien mal-basement;

6. Illi dwar il-permess GDO 1916/01 *(installation of passenger lift)* jinghad illi l-fatti juru illi l-Awtorita' kienet giet zvijata mill-appellant illi meta ghamel din l-applikazzjoni ipprezenta kopja ta' pjanta b'dikjarazzjoni tal-perit tieghu li dik kienet kopja ta' l-original fil-pussess ta' l-istess perit. Sussegwentement, wara li nhareg il-permess hawn fuq imsemmi a bazi ta' dawn il-pjanti, irizulta li l-pjanta esibita ma' l-applikazzjoni ma kinitx verament kopja ta' l-originali u ghalhekk il-permess gie irtirat. Ghalhekk il-hrug tal-permess GDO 1916/01 ma' jistax jitqies bhala ammissjoni minn naha tal-Awtorita' li l-permess originali kien jinkludi l-*penthouse* in kwistjoni. *Inoltre'* jinghad illli tali informazzjoni kienet diga' inghatat mill-Awtorita' fir-risposta taghha quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u ghaldaqstant l-allegazzjoni ta' l-appellant illi l-informazzjoni skorretta qatt ma giet identifikata mill-Awtorita';

7. Illi dwar it-tieni aggravju, u cioe' li l-Awtorita' u l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar qed jichdu lill-esponent minn permess validu skond il-ligi hija totalment irrelevanti *stante* li hawnhekk si tratta ta' appell minn Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq u mhux minn decizjoni dwar applikazzjoni;

8. *Inoltre'* b'referenza ghall-istess aggravju jinghad illi mhuwiex minnu illi l-appellant ipprova li l-pjanta esibita minnu hija dik korretta izda din hija sempliciment allegazzjoni infondata tieghu. Fil-fatt kien l-appellant li naqas milli jitfa' bizzejjed dubju dwar l-awtenticita' tal-pjanta li tinsab fil-*file* ta' l-Awtorita'. Il-Bord kien korrett li ta izjed sahha lill-pjanta li tinsab fil-*file* ta' l-Awtorita', li huwa dak ufficjali, milli lill-pjanta esiebita mill-appellant. Jigi ripetut illi l-permess GDO 1916/01 ma jistax jitqies bhala ammissjoni li kien hemm permess ghal *penthouse* ghaliex tali permess kien bazat fuq informazzjoni skorretta li kien ipprezenta l-appellant, li ma jistax issa jippretendi li jibbenefika mill-qerq tieghu stess;

Bir-rispett kollu jinghad illi huwa totalment illogiku li jinghad illi l-GDO 1916/01, li kif diga' ntqal kien bazat fuq informazzjoni zvijanti, jitqies bhala li jissana l-izvilupp li

ghalih iwassal il-lift li gie nstallat!  Hawnhekk l-appellant qieghed jammetti illi tali zvilupp li ghalih iwassal il-lift ma kienx kopert bil-permess 104/94, ghaliex kieku ma kienx jargumenta illi l-permess GDO 1916/01 kien (dejjem skond l-istess appellant) jissana l-izvilupp li ghalih kien iwassal il-lift!

L-uniku permess validu li ghandu l-appellant huwa l-PA104/94 li ma jinkludix *penthouse* fir-raba' sular, u li ghadu validu fir-rigward ta' l-affarijiet l-ohra msemmija fl-istess permess.  Ghaldaqstant l-appellant mhux qed jigi michud minn l-ebda permess *stante* li ma ghandu l-ebda permess li jkopri l-*penthouse* in kwistjoni;

9. Dwar it-tielet aggravju jinghad illi huwa risaput li dina l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni ferm limitata f'appelli minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u ma tistax tiddeciedi allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u Kostituzzjonali.  Dan kien konfermat f'diversi sentenzi fosthom **"Domenico Savio Paul sive Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Appell numru 645/98 – Decizjoni 25 ta' Gunju 1999), **"McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et u Charles Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Appell Numru 488/94 – Decizjoni 21 ta' Frar 1996);

*In vista* tal-permess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-ghoxrin (20) ta' Settembru 2002 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titolb li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Carmel Camilleri, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota datata 31 ta' Ottubru, 2002 li prezentata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet

**“Camilleri Carmel kontra Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-Bord;

Rat id-decizjoni tal-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Settembru 2002.

Rat il-*files* annessi ma’ dawn l-atti processwali odjerni inkluzi il-*files* tal-Awtorita dwar il-permess tal-istess binja 0104/1994 u l-*file* tal-appell Numru 410/01/E.

Rat il-verbali tas-27 ta’ Jannar, 2003 u tas-7 ta’ April, 2003 fejn il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Jannar 2004.

Rat ir-rikors ta’ Carmelo Camilleri datat 1 ta’ Lulju 2003 fejn talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha testendi t-terminu ffissat ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-esponent sad-data tallum, b’mod illi takkolji fl-istess waqt il-prezentata tal-istess nota li qieghda tigi pprezentata kontestwalment fl-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi.

Rat id-digriet tal-4 ta’ Lulju 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant Carmelo Camilleri, datata 4 ta’ Lulju, 2003.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta’ Novembru, 2003.

Rat in-nota tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta’ Novembru, 2003, li permezz taghha ipprezentat *“animo ritirandi”* il-*file* PA 104/94 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

**(I) MERTU TAL-APPELL.**

Illi jirrizulta li nhareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kontra l-appellanti *stante* li gie allegat mill-Awtorita' li l-appellant kellu *penthouse* fir-raba' sular minghajr permess fil-binja f'Old Anchor Court, 20, Triq il-Buttar, Marsaskala, u r-rikorrenti odjern appella mill-istess ordni Numru ECF00678/01 permezz ta' appell datat 5 ta' Dicembru 2001 fejn allega li l-istess *penthouse* kienet ineffetti koperta bil-permess numru 104/94 datat 3 ta' Ottubru 1994 li fl-applikazzjoni tieghu kien intitolat *"To construct basement, restaurant, 3 flats and 1 penthouse".* Sostna li tant kien minnu dan li sussegwentement kien inhariglu permess datat 21 ta' Gunju 2001 u ennumerat GD 1916/2001 sabiex jinstalla lift ghal-istess *penthouse*.

Illi jidher li l-kontestazzjoni fil-proceduri ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienu jikkoncentraw dwar jekk l-istess rikorrenti odjern kellux il-permess jew le ghall-istess *penthouse,* u l-Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu tal-20 ta' Settembru 2002 iddecieda li:-

*"Innota li l-pjanti li ghamel riferenza ghalihom ma jikkorrispondux ma' dak permess;*

*"Ikkonsidra ulterjorment:*

*"Dan l-appell huwa dwar penthouse bla permess fis-sit mertu ta' dan l-appell. L-appellant isostni li huwa ghandu permess skond PA0104/94 u allura l-Bord, sabiex ikun jista' jaqta' dan l-appell, beda biex fl-ewwel lok ezamina dan il-permess u l-pjanti relattivi. Madankollu minn ezami tal-PA file 104/94, tal-permess li jinsab fih u tal-pjanti relattivi, jirrizulta li ma jezisti l-ebda permess ghall-penthouse in kwistjoni. Ghalhekk, il-penthouse hija illegali peress li nbniet minghajr permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar illum Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;"*

*"Ghal dawn il-motivi, il-Bord qed jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq u jordna li l-*

*avviz ta' Twettiq jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnta mil-lum".*

Illi fl-appell interpost minnu quddiem din il-Qorti r-rikorrenti qed isostni li b'tali decizjoni gie miksur il-principju bazilari f'konsiderazzjoni ta' evalwazzjoni ta' provi li min jallega ghandu l-oneru ta' prova u dan peress li huwa sostna li l-istess Bord ta' l-Appell ghazel li joqghod biss fuq il-pjanta li kien hemm fil-*file* ta' l-Awtorita' immarkata bin-numru 11A li fuqha hemm il-kliem *superseded* u ma qghadx fuq il-pjanta esebita mill-istess rikorrent li ma kellhiex dan il-kliem anzi allega li tali dokument gie ghal kollox injorat mill-istess Bord u sostna wkoll li dan il-Bord qatt ma setgha jaghmlu anke peress li:-

(a) il-pjanta fil-*file* tal-Awtorita' ma hijiex iffirmata mill-Perit Joseph Falzon bhala Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u din il-pjanta kellha l-kliem *'superseded"* ingassati; (b) il-pjanti l-ohra kollha tal-permess, inkluza dik esebita mir-rikorrenti kollha ghandhom il-kmamar indikati bil-miktub fil-waqt li l-pjanta in kwistjoni li l-Bord mexa fuqha ghandha l-kliem taghha dattilografati; (c) tali pjanta ma kinitx tigi ndikata bhala pjanta approvata fil-permess innifsu; (d) ladarba fil-*file* tal-permess in kwistjoni ta' l-Awtorita' kien hemm pjanta ohra nieqsa mmarkata bhala 18A mela l-Awtorita' iktar u iktar ma kellhiex toqghod fuq l-istess dokumenti li kien hemm fil-*file* taghha nkluza l-pjanta 11A mertu tal-kwistjoni odjerna; (e) kien inhareg permess iehor nurmu GD 1916/01 sabiex jigi nstallat lift ghall-istess *penthouse* u kieku ma kienx hemm permess ghall-*penthouse* certament li ma kienx johrog dan il-permess ukoll.

Illi abbazi ta' dan l-istess appellant kompla jghid li l-Awtorita' *"ma ressqet ebda prova sostenibbli jew legalment valida sabiex tipprova l-allegazzjoni taghha illi l-appellant kellu zvilupp minghajr permess".* Kellha biss pjanta mhux iffirmat, li suppost giet *superseded* izda hadd ma jaf biex u hija kontrastata b'dokument simili esebit mir-rikorrenti li huwa validu u bla difetti. *Inoltre* l-Awtorita' giet akkuzata li ma resqet ix-xhieda la tal-*case officer* u lanqas ta' ufficjali ohra.

Illi t-tieni aggravju huwa li l-Awtorita' qed ingustament iccahhad lir-rikorrenti minn permess validu ghall-istess *penthouse* u allura ladarba kien jezisti dan il-permess, u skond l-appellanti huwa din il-prova ghamilha, mela allura dan illum ma jistax jigi rtirat. Illi minn dan isegwi li minhabba dan qed jigi lez id-dritt kostituzzjoni tal-appelant ghall-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu bi ksur tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol ta' l-istess Konvenzjoni.**

**(II) PUNT TA' DRITT DECIZ MILL-BORD – ARTIKOLU 15 (2).**

Illi min-naha l-ohra l-istess Awtorita' eccepiet li dan l-appell ma huwiex permessibbli taht d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** ghaliex ma huwiex appell fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi l-istess artikolu jipprovdi li:-

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta' Novembru, 2001 qalet illi:-

*"Din id-dispozizzjoni tal-ligi tistabilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza taghha* ***"Emanuel Mifsud vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"*** *fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*"Jrid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna. Dana billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta' Mejju 1998 intqal illi:-

*"… anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibbilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dana billi l-ligi taghti d-dritt ta' appell <u>biss u b'mod tassattiv, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord</u>."*

*"Illi l-Qorti qeghda taghmel dina l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, f'<u>appelli bhal dawn</u> cjoe' taht l-**Att Numru I tal-1992** konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedi u tirrimedja <u>ghal kwalunkwe</u> mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni <u>biss</u> fil-kazijiet <u>li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord</u>. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt*

*ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrizzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina il-Qorti f'appelli bhal dawn."*

*"Illi dana necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettiq ta' dina d-diskrizzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi provdiet ghall-possibbilita' ta' sindakabilita' fuq dina l-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Alex Montanaro noe vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Cit. Nru. 215/98) deciza fid-9 ta' Frar 2001 intqal illi:-

*"Meta, fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp, issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga' jezisti zvilupp, bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita' u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali, izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet ta' l-ippjanar, u cjoe', biex jaraw jekk, tenut kont ta' l-izvilupp attwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigi akkordat".*

Illi wkoll issir riferenza ghal dak li intqal fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **"Jason Zammit vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li:-

*"Dwar l-allegazzjoni tal-appellant li d-decizjoni tal-Bord tippekka minhabba diskriminazzjoni u arbitrarjeta', ma tistax tigi ezaminata u deciza f'dana l-appell, billi tezorbita mill-gurisdizzjoni konferita mill-ligi lil din il-Qorti, fil-kuntest tal-appelli intavolati taht l-istess ligi, ghalkemm l-appellant*

*jista' jkun li ghandu rimedji ohra disponibbli ghalih quddiem anke dawn il-Qrati, pero' mhux fl-ambitu ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti tal-Appell bhala Qorti tal-Appell minn decizjonijiet tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord skond l-**artikolu 15 (2) tal-Att I tal-1992** fuq citat".*

Illi fil-fatt inghad fl-istess sentenza gja citata **Alex Montanaro noe vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Cit. Nru. 215/98) deciza fid-9 ta' Frar 2001 li:-

*"Dana billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali in kwantu jikkoncernaw il-kiosks u applikahom ghal kaz partikolari. Tali interpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>kif enuncjata fl-istess decizjoni</u>".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Bezzina vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-11 ta' Gunju 2001 mill-Qorti ta' l-Appell inghad ukoll li:-

*"Huwa evidenti li dana l-aggravju baziku ta' l-appellant ma jista' qatt jinkwadra ruhu fil-parametri strettissimi mposti mill-ligi fil-frazi "punti ta' ligi decizi mill-Bord", liema frazi tistabilixxi b'mod definit il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti taht l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Hekk ukoll kien gie deciz minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 1996, fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Grixti vs. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar".***

Illi fis-sentenza **"Michael Gatt vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. (JSP) – 19 ta' Novembru 2001) inghad illi:-

*"Din id-dispozizzjoni tal-Ligi giet interpretata minn din il-Qorti f'hafna okkazzjonijiet ricentement. Din il-Qorti tista' tirrevedi u tissindika biss dawk id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan*

*ifisser li l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu semplicement aspetti teknici. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi fid-decizjoni appellata tal-Bord".*

**<u>(III) APPREZZAMENT TAL-APPELL ODJERN.</u>**

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess jidher li l-appell tar-rikorrenti huwa dirett biss u unkament fuq il-mod ta' kif l-stess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ivvaluta il-provi li kellu quddiemu u senjatament dawk referibbli ghall-pjanti li gew approvati fil-kors tal-hrug tal-permess numru 104/94 u partikolarment dwar l-ezistenza *o meno* ta' permess ghall-*penthouse* fuq il-binja mertu tal-appell odjern. Inverita' l-appell kollu tal-istess appellanti huwa koncentrat sabiex jghid, u jpprova jikkonvinci lil din il-Qorti, ghaliex kellha tigi accettata l-pjanta esebita mill-istess rikorrenti, li skond huwa tindika li kien hemm permess ghall-bini tal-istess *penthouse*, u ghaliex ma kellhiex tigi accettata l-pjanta immarkata bhala 11A li kienet tinsab fil-*file* relattiv tal-Awtorita' anness ma' l-atti ta' dan l-appell.

Illi minn dan kollu jirrizulta car li l-aggravji kollha tal-istess rikorrenti dwar l-evalwazzjoni tal-provi da parte tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jkkonsistu f'semplici punti ta' fatt li ma humiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti li hija marbuta biss li tissindika d-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghall-punti ta' dritt decizi mill-istess Bord fid-decizjoni taghha. Mill-motivazzjoni tal-istess decizjoni, anke fuq riportata jidher car li ma kien hemm ebda pronunzjament fuq punt ta' dritt izda biss evalwazzjoni tal-provi prodotti b'referenza ghall-pjanti li jiffurmaw il-mertu tal-permessi mahruga u n-nuqqas ta' permess ezistenti mahrug debitament mill-Awtorita' ghall-bini tal-istess *penthouse,* li kif iddecieda l-istess Bord ta' l-Appell hija wahda li saret illegalment u bla permess.

Illi l-Qorti wkoll tinnota li r-rikorrenti ma jistax jipprova iwessa' l-kompetenza ta' din il-Qorti billi jikkwota principji

ghall-valwazzjoni ta’ ptovi minn gudikant, bhal *per ezempju* l-massima li min jallega jrid jipprova, *stante* li din xorta wahda tibqa’ kwistjoni ta’ fatt u mhux punt ta’ dritt u dan apparti l-fatt li anke jekk jigi vantat li kien hemm xi irregolarita’ fil-procedura quddiem il-Bord dan ma jfissirx li dan jikkostitwixxi bazi ta’ appell bil-procedura odjerna, ghaliex din it-tip ta’ lanjanza xorta wahda tesorbi mill-kompentenza ta’ din il-Qorti skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356,** ghalkemm jista’ jkun li jkun hemm rimedju taht il-ligi ordinarja u quddiem il-Qrati ordinarji. Illi ghalhekk jidher li dan l-appell ma huwiex permessibbli taht l-istess dispozizzjonijiet u ghalhekk ghandu jigi michud.

Illi bla pregudizzju ghall-premess u ghall-kompletezza jinghad li r-rikorrenti huwa wkoll inkorrett bil-mod kif ressaq l-argumentazzjonijiet tieghu anke fuq il-principji ta’ valutar ta’ provi u dan peress li l-appell tieghu huwa fuq kollox ibbazat fuq l-vantazzjoni li kellha tkun l-Awtorita’ li kellha l-oneru ta’ prova li hemm permess ghall-istess *penthouse*. Tali asserzjoni hija ghal kollox zbaljata peress li r-rikorrenti interpona l-appell tieghu fuq il-bazi li huwa kellu permess ghall-istess *penthouse,* oneru li abbazi tad-decizjoni tal-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar huwa ma issodisfax; mhux biss izda mill-pjanti ezistenti fl-istess *file* ta’ l-Awtorita’ u senjatament il-pjanta mmarkata bhala 11 A jidher car li f’dik il-parti fejn hemm il-pjanta tal-*penthouse,* din ma gietx approvata u hemm il-kliem *superseded,* kliem ma ma jirrizultawx fuq id-*drawings* tal-kumplament tal-bini.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess pjanta kontrarjament ghal dak li allega l-istess appellanti hija debitament iffirmata mill Perit Joseph Falzon bhala Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u wkoll debitament ittimbrata, u ghalhekk jidher mhux biss li l-allegazzjonijiet tal-istess appellanti ma gewx ippruvati, izda wkoll li l-appellanti ma irnexxilhux jipprova, dejjem f’ghajnejn l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, l-allegazzjonijiet minnu vantati, u korrettament sabhet kontra r-rikorrenti anke *in vista* tal-principju li min jallega jrid jipprova.

Illi mhux biss izda minn ezami tal-istess *file* jidher car li ghalkemm il-permess baqa' jigi riferut bil-kliem li akkumpanjaw l-applikazzjoni ghall-hrug tal-istess permess u cjoe' *"erection of basement, restaurant, three flats and one penthouse",* pero' l-istess penthouse ma gietx approvata tant li b'ittra tal-11 ta' Lulju 1994 l-applikant kien mitlub sabiex jissottometti pjanti godda *"for roof where only 1 washroom for each flat is allowed and penthouse is not accepted since height is 3 floors"* (fol.17A).

Illi dan giet accettat mill-perit tal-istess applikant tant li b'ittra tat-22 ta' Lulju 1994 jghid li *"please find enclosed six copies of fresh plans showing stairwell and foru washrooms at roof level, that is one washrroom for each flat".* (fol. 18).

Illi konsegwenti ghall-istess r-rakkomandazzjoni mill-istess Awtorita' kienet li l-permess ghandu jinghata b'dan li *"height of the buidling should not exceed three floors, plus underlying basement"* (fol. 19) u fl-ahharnett inhareg il-permess datat 11 ta' Ottubru 1994 – PA0104/94/DC01 bl-istess kundizzjoni, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess *penthouse* ma gietx approvata ghaliex kieku kienet teccedi l-gholi massimu konsentit fl-istess permess.

Illi dwar dan kollu l-appellant ma jghid xejn, u huwa ovvju li dan ma sarx minnu peress li jimmilita u jikkontrasta ghal kollox mat-tezi tieghu, u jidher li huwa kien qed jipprova, kif jidher li ghadu qed jipprova jizvija lill-Qorti.

Illi minn dan kollu jidher li l-appellant ipprova jizvija lill-Awtorita' konsistentement anke' meta allega fl-applikazzjoni ghall-lifts li huwa kellu permess ghall-istess *penthouse*; in verita' inhareg ghall-ewwel il-permess indikat fil-21 ta' Gunju 2001 – GD 1916/2001, li izda meta l-Awtorita' indunat bl-izball gie irtirat fid-29 ta' April 2002; pero' dan certament ma jistax jintuza mill-appellanti odjern favur tieghu, specjalment in vista ta' dak kollu li jirrizulta mill-atti kollha relattivi, inkluzi mill-*files* ufficjali tal-istess Awtorita' u mill-kliem stess tal-permess datat 11 ta' Ottubru 1994 u l-limitazzjoni fuq l-gholi tal-istess bini, li

jeskludi ghal kollox l-ezistenza ta' kull permess dwar l-istess *penthouse.*

Illi *in vista* ta' dan kollu jidher li ghalhekk id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienet ben sostnuta, kemm meta qalet li d-dokumenti tar-rikorrenti ma kienux jikkorrispondu ma' dawk tal-Awtorita' u din b'riferenza cara ghall pjanta 11A li hemm fil-*file* tal-istess Awtorita', u kemm meta qalet mill-permessi u pjanti ezistenti jirrizulta li ma hemm l-ebda permess ghall-*penthouse* in kwistjoni, u ghalhekk abbazi tal-provi prodotti l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghamel l-apprezzament tal-provi li kellu jaghmel b'mod akkurat u b'riferenza ghall-atti kollha quddiemu, inkluz dawk sottemessi mill-istess appelant, tant li ma jistax lanqas jinghad li l-istess Bord ma tax kaz tas-sottomissjonijiet u l-provi mressqa mill-appellanti.

Illi minn dan kollu jirrizulta li d-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell hija wahda fattwali, fejn wara li kkonsidrat s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet, u dan jidher li ghamiltu wkoll b'mod korrett u ezawrjenti, u kontrarjament ghal dak li allega l-appellant, jidher ukoll li l-istess Bord ta' l-Appell ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet u dokumenti kollha tal-partijiet, u ghalhekk certament li ma hemmx il-presuppost sabiex jigu applikati l-principji ta' *"cerimus paribus"* applikati fid-decizjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenzi fl-ismijiet **" Marie Louise Farrugia vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Frar 2003 (Rikors 36/01); **" Marie Louise Farrugia vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Frar 2003 (Rikors 37/01); **"Jimmy Vella vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003) li mxew fuq dak stabbilit fis-sentenza **"Michael Gatt vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) tad-19 ta' Novembru 2001) u dan *stante* li jidher car li f'dan il-kaz, ghad-differenza tas-sentenzi kollha hawn indikati, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ha in konsiderazzjoni u evalwa kif trid il-ligi dak kollu sottomess mill-appellant, kif jinsab muri bic-car kemm mill-process u l-verbali li saru quddiemu u kemm kif jidher car mill-istess sentenza, inkluz il-partijiet dispozittivi taghha u

kemm fil-motivazzjoni tal-istess li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti kienu ezawrjenti.

Illi l-punt ta’ natura kostituzzjonali li l-appellant ressaq, ovvjament din l-Qorti ma hijiex kompetenti li tiehu konjizzoni tal-istess ghall-istess ragunijet fuq imsemmija abbazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **“Domenico Savio Paul sive Savio Spiteri vs Chairman ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 25 ta’ Gunju 1999) u **“Charles Spiteri et vs Chairman ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 21 ta’ Frar 1996) u **“Jane Cini et vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003.

Illi ghalhekk l-appell tal-istess appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ l-appell tal-appellati l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, **tichad l-appell ta’ l-appellanti Camrel Camilleri datat 4 ta’ Ottubru 2002** *stante* li huma legalment insostenibbli u infondati fil-fatt u fid-dritt, u b’hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tal-20 ta’ Settembru 2002 fl-ismijiet **“Carmel Camilleri vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti u appellanti Carmel Camilleri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------